MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 231/2000/1

**Carmel u Maryrose konjugi Chircop**

**vs**

**John u Lynda Joyce konjugi Vella**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi nhar is-27 ta' Lulju, 1999 quddiem in-Nutar Mario Bugeja kien sar konvenju bejn l-atturi u l-konvenuti rigward il-bejgh u t-trasferiment tal-fond li jgib l-isem ta' Randa Farmhouse, Triq iz-Zebbiegh, Mgarr propjeta' tal-konjugi Vella a favur tal-konjugi Chircop;

Premess illi dan il-konvenju kien validu ghal sitt xhur u ghalhekk it-terminu skada fl-20 ta’ Jannar, 2000;

Premess illi l-konjugi Vella naqsu milli jersqu ghal-att finali quddiem in-Nutar Bugeja;

Premess illi l-konjugi Chircop fid-19 ta’ Jannar, 2000 pprezentaw ittra ufficjali biex jinterpellaw lill-konjugi Vella biex jersqu ghall-att finali;

Ghaldaqstant, ghar-ragunjiet premessi, l-atturi talbu lil din il-Qorti:

1. Tordna lill-konjugi Vella biex jersqu ghal-imsemmi att finali quddiem in-Nutar Mario Bugeja;

2. Tiffissa data, lok u hin meta dan l-att finali ghandu jsir;

3. Fin-nuqqas, tappunta avukat, jew persuna ohra, sabiex jidher fuq l-att finali ghan-nom tal-konjugi Vella;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota tal-eccezzjonijiet** tal-konvenuti a fol. 8 tal-process fejn eccepew:

1. In-nullita’ tal-ittra ufficjali tad-19 ta’ Jannar, 2000 diretta mill-atturi lill-konvenuti eccipjenti ghaliex m’hix ritwali billi ma gietx akkompanjata minn zewg kopji konsimili, wahda kull wiehed u wahda mill-eccipjenti, u dan bi ksur tas-subartikolu (2) tal-artikolu 174 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Salv u mpregudikat il-premess, it-talbiet attrici m’humiex sostenibbli ghaliex fic-citazzjoni tonqos il- *prova madre* li hija l-konvenju msemmi fl-istess citazzjoni, u li ma giex esibit bi ksur tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu

(2) tal-artikolu 156 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili;

3. Salv u mpregudikat il-premess, in-nullita’ ta’ l-istess att ta’ konvenju ghaliex affett minn difett ta’ kunsens;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi jekk u meta jkun il-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-decizjoni preliminari taghha a fol 22;

Rat is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell a fol 46;

Semghet lill avukati difensuri jittrattaw;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza fuq it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti dwar in-nullita’ ta’ l-istess att ta’ konvenju ghaliex affett minn difett ta’ kunsens

L-atturi qed jitolbu li l-konvenuti jersqu ghall kuntratt a bazi tal-konvenju li kien gie iffirmat bejn il-partijiet fil 27 ta’ Lulju 1999.

Il-konvenuti qed jeccepixxu li l-konvenju hu affett minn difett ta’ kunsens. Fid-dikjarazzjoni l-konvenut spjega li hu u martu ma setghux japprezzaw l-kundizzjonijiet tal-konvenju ghaliex ma gewx spjegati lilu u lil martu b’mod li jistghu jifhmu x’setgha kienu l-konsegwenzi. Aktar u aktar ma setghetx tifhem sewwa l-konvenuta billi hija Ingliza u ftit li xejn taf bil-Malti.

Il-konvenuti ghalhekk qed jissottomettu li kien hemm difett fil-kunsens billi:

- huma ma setghux japprezzaw l-kondizzjonijiet tal-konvenju ghaliex ma gewx spjegati lilhom (u l-konvenuta hija Ingliza);
- u ma setghux jifhmu l-konsegwenzi.

Apparti dak li xehed l-attur dwar dan, xehdu wkoll rapprezentant tal-Dhalia u n-Nutar Mario Bugeja li ghamel il-konvenju.

In-Nutar xehed li l-partijiet kienu marru darbtejn ghandu. L-ewwel darba l-konvenju ma giex iffirmat billi nqalet kwistjoni dwar il-garaxx. Fit-tieni okkazzjoni l-konvenju gie iffirmat. Fiz-zewg okkazzjonijiet hu kien personalment ittraduca u fehem il-kontenut tal-konvenju lill konvenuta stante li dina kienet titkellem biss bl-Ingliz. Apparti dan, matul il-hin li kien qed jikteb il-konvenju kemm ir-rapprezentant tad Dhalia kif ukoll Ganni Vella (il-konvenut) kienu qed jispjegaw dak li kien qed jigi diskuss lis-Sinjura Vella.

John Vella, impjegat mad-Dhalia, xehed li n-Nutar kien spjega bl-Ingliz lill-mara tal-konvenut x'inhu konvenju.

L-istess konvenut xehed li  kienu saru diskussjonijiet fit-tieni okkazzjoni ghand in-Nutar dwar it-*terms of payment*. Dak il-hin il-mara tieghu ma kienitx hemm fil-kamra man-Nutar. Pero' meta ftehemu hu kien qal lill mara tieghu li kollox kien *all right* u biex tiffirma. Hu ma kienx qalilha dwar il Lm55,000 li kellhom jithallsu zmien 5 snin u li d-dar kienet ser tidher Lm100,000. Hi saret taf b'dan wara li kienet iffirmat il-konvenju u  marru d-dar.

Ghalkemm il-konvenuti kienu iffirmaw dana l-konvenju, u qed jghidu li kien hemm din il-kwisjtoni,  huma ma ghamlu xejn biex juru lin-Nutar jew lill atturi li huma ma kienux fehemu x'kien hemm fil-konvenju u l-konsegwenzi ta' l-istess,  u li ghalhekk ma hassuhomx marbutin bil-konvenju.

Il-Lm15,000 li l-attur kien hallashom *on account*, il-konvenuti zammewhom u nefquhom u fl-ebda hin ma

ddepozitawhom il-Qorti. Anzi uzaw parti minnhom biex ihallsu lill bdiewa biex jirrilaxxjaw l-art.

Lanqas meta n-Nutar talab lill konvenuti biex igibu d-dokument biex isir il-kuntratt finali huma ma ccaqqilqux.

Jirrizulta li l-konvenuti kienu wkoll bdew jiehdu passi biex dak li kien miftiehem fil-konvenju jigi attwat qabel isir il-kuntratt finali ezempju firem tal-bdiewa u applikazzjoni lill Planning Authority.

Kien dover ta’ l-konvenuta li qabel tiffirma l-konvenju tivverifika ghal xhiex hija kienet qeda tiffirma aktar u aktar meta gie spjegat lilha l-kontenut tal-konvenju minn Nutar bl-islien taghha. Fuq il-kuntratt kien jidher kif kienu ser ikunu t-*terms of payment*, u jekk il-konvenuti riedu jinsistu ghal *security* dan kellu jsir dak il hin u mhux wara (ara dok fol. 70).

Skond il-konvenuta dan ma kienx l-uniku kuntratt li kien ghamel zewgha (ara fol 110); in-negozjati kienu hadu z-zmien taghhom, ghalhekk il-konvenut ma jistax ighid li ma setghax japprezza l-konsegwenzi ta’ dak li kien intrabat bih.

Ghalhekk l-eccezzjoni tal-konvenuti ma tistax tigi milqugha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi;
il-Qorti tiddecidi
prevja li tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti,
u stante li ma hemmx eccezzjonijiet ohra tal-konvenuti;
tilqa t-talba attrici tordna lill-konjugi Vella biex jersqu ghal-imsemmi att finali quddiem in-Nutar Mario Bugeja li ghandu jffissa data, lok u hin meta dan l-att finali ghandu jsir;

Tappunta lill Dr. Audrey Demicoli biex tirrapprezenta l-eventwali kontumaci;

bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------